MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 22/2004

**Dominic u Mary Jane Formosa**

**vs**

**Mary Fox**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenuta tikri minghand l-attrici il-flat numru 89, Triq Wardija, Qala, Ghawdex.

Illi wiehed mill-pattijiet ta’ din il-kirja kienet li l-inkwilina thallas ghal konsum tal-kurrent elettriku u ilma ikkunsmat f’dan il-fond.

Illi l-intimata ghandha thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u tminja u ghoxrin centezmu (Lm226.28) bhala hlas ghal perjodu sal-prezentata ta’ dan

l-avviz. Minkejja bosta interpellazjonijiet l-intimata naqset li thallas dan id-debitu.

Illi la-tturi jridu li l-konvenuta tkun ikkundannata thallas din is-somma flimkien ma' l-ispejjez ta' dan l-avviz u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet numru 56/2004 ipprezentat fis-17 ta' Frar 2004."

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tal-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu taghhom jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12 );

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx ghas-seduta tal-lum meta l-kapitoli giew ipprezentati mill-atturi u approvati mit-Tribunal, minghajr ma giebet ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra taghha, u ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m'ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta billi jikkundannaha thallashom is-somma ta' LM226.28 ammont dovut ghar-ragunijiet premessi fl-avviz tat-talba bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat fis-17 ta' Frar 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------